PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

ABBOZZ TA' RAPPORT

fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja nhar it-18 u d-19 ta' Settembru

(emerġenza għal kampijiet tan-nomadi)

RAPPORTEUR: Gérard DEPREZ

(Nota bene: Anness I u II huma ppubblikati f'dokument separat)

KONTENUT

RAPPORT TAD-DELEGAZZJONI.....3-21

1. Id-delegazzjoni:

Fis-7 ta' Lulju 2008 il-Parlament Ewropew żamm dibattitu dwar Mistoqsija Orali li tittratta b'mod partikolari d-deċiżjoni tal-Gvern Taljan li jagħmel "ċensiment" tan-nies l-aktar dawk ta' oriġini tar-Roma, li jgħixu f'kampijiet tan-nomadi fir-reġjuni ta' Lazio, il-Campania u l-Lombardija.
Ir-riżoluzzjoni li għalqet id-dibattitu tal-plenarja ġiet adottata fl-10 ta' Lulju 2006 u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Interni (LIBE) kien awtorizzat mill-Konferenza tal-Presidenti biex jibgħat delegazzjoni Ruma biex tiltaqa' ma' awtoritajiet nazzjonali u lokali biex ikollha perspettiva aħjar dwar is-sitwazzjoni tal-kampijiet tan-nomadi, suġġett ta' miżuri ta' emerġenza reċenti adottati mill-Gvern Taljan.

Deskrizzjoni qasira tal-avvenimenti ewlenin marbutin ma' din il-kwistjoni li seħħew qabel iż-żjara tad-Delegazzjoni LIBE huma miġbura fil-qosor fi tmiem dan ir-rapport.

Għażla ta' dokumenti uffiċjali li jittrattaw l-emerġenza tal-kampijiet tan-nomadi fl-Italja jinsabu f'Anness 1. Anness 2 jagħti ħjiel tal-kontribuzzjoni mill-NGOs.

Meta wieħed iqis l-ammont ta' xogħol tas-Servizzi tat-Traduzzjoni lejn it-tmiem tal-liġiżlazzjoni tal-PE mhux se jkun possibbli li tinkiseb traduzzjoni sħiħa tal-Annessi I u II.

Il-Membri tad-Delegazzjoni kienu:
Is-Sur Gérard DEPREZ Chairperson tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u Kap tad-Delegazzjoni, is-Sra. Lívia JÁRÓKA (EPP-ED), is-Sur Claudio FAVA (PSE), is-Sra. Viktória MOHÁCSI (ALDE), is-Sur Els DE GROEN-KOUWENHOVEN (Greens), is-Sra. Roberta ANGELILLI (UEN) u s-Sur Giusto CATANIA (GUE).

Ħadu sehem ukoll fix-xogħol kollu jew f'parti mix-xogħol tad-Delegazzjoni dawn il-Membri tal-Parlament Ewropew (MEPs):
Is-Sur Alfredo ANTONIOZZI (EPP-ED), is-Sur Mario BORHEZIO (UEN), is-Sur Armando VENETO (EPP-ED), is-Sur Fabio CIANI (ADLE), is-Sur Roberto FIORE (NI), is-Sra. Monica FRASSONI (Greens), is-Sra. Elisabetta GARDINI (EPP-DE), is-Sra. Marian-Jean MARINESCU (EPP-DE), is-Sra. Maria Grazie PAGANO (PSE), is-Sur Luca ROMAGNOLI (NI), is-Sur Senastiano SENZARELLO (EPP-DE), is-Sra. Adina-Ioana VALEAN (ADLE), is-Sra. Renate WEBER (ADLE), is-Sur Stefano ZAPPALÀ (EPP-DE).

2. Iż-żjara

Iż-żjara seħħet mit-18 sad-19 ta' Settembru 2008 u f'dak il-kuntest id-Delegazzjoni tal-PE kellha l-opportunità li tiltaqa' ma' membri miż-żewġ Kmamar Taljani, mal-Ministru għall-Affarijiet Interni Taljan, mas-Sindku ta' Ruma, mas-Superviżur Taljan għall-Protezzjoni tad-Dejta u ma' għadd ta' NGOs.

Meta wieħed iqis ir-Riżoluzzjoni tal-PE tal-10 ta' Jannar 2008, id-delegazzjoni LIBE iffokat

l-aktar fuq il-kwistjonijiet li ġejjin (u li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Kumitat LIBE):

- Ir-riskju tad-deskriminazzjoni diretta jew indiretta (art. 13 TEC) li tista' tiġi minn ċensiment magħmul għar-raġunijiet ta' sigurtà pubblika ta' kategoriji ta' nies bħal nomadi ta' oriġini ROMA;
- il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari id-drittijiet tal-minuri;
- it-tkeċċija ta' ċittadini tal-UE minħabba li mhumiex konformi mal-liġi Ewropea u l-aktar mad-Direttiva 38/2004 (din il-kwistjoni hija wkoll is-suġġett ta' rapport speċifiku ta' inizjattiva tal-LIBE li jirreferi għas-sitwazzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE u ntbagħat kwestjonarju lill-Parlamenti nazzjonali kollha);

18 ta' Settembru 2008

1. Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali[1]

L-ewwel laqgħa tad-Delegazzjoni kienet maċ-Chairperson u l-Viċi Chairperson tal-kumitati tal-Parlament Nazzjonali dwar Kwistjonijiet Kostituzzjonali u Kwistjonijiet Ewropew flimkien ma' Rappreżentanti tal-Parlament Taljan ([2])
- Rossana BOLDI, Chairperson tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Ewropej, Senat (LEGA NORD)
- Mario PESCANTE, Chairperson tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Ewropej, Kamra (PDL)
- Domenico BENEDETTI VALENTINI, Viċi-Chairperson tal-Kumitati dwar l-Affarijiet Kostituzzjonali, Senate (PDL)
- Roberto ZACCARIA, Viċi-Chairperson tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Kostituzzjonali, Kamra (PD*)*
Attendew ukoll għal-laqgħa l-parlamentari li ġejjin: Sandro GOZI (Deputat - PD) Maurizio TURCO (Deputat Radikali - PD), Rita BERNARDINI (Deputat Radikali - PD), SANTINI (Senatur PDL), MARINARO (Senatriċi PD)

Min-naħa Taljana l-laqgħa nfetħet b'diskors ta' merħba li saħaq fuq ir-rieda li jkun hemm djalogu mad-Delegazzjoni LIBE b'mod partikolari fir-rigward ta':
- is-sigurtà interna u d-diskriminazzjoni (BOLDI),
- l-impatt tat-tkabbir fuq pajjiżi bħar-Rumanija (PESCANTE),
- it-tisħiħ ta' drittijiet fundamentali (VALENTINI),
- il-ħtieġa li tiġi vverifikata malajr kemm jista' jkun il-konformità tal-leġiżlazzjoni Taljana mal-prinċipji tal-UE (ZACCARIA), hekk kif sar riċentement mill-Gvern Taljan fir-rigward tat-tliet abbozzi "digrieti leġislattivi" li jimplimentaw id-Direttivi fuq l-istatus ta' refuġjat, rijunifikazzjoni mal-familja u l-libertà tal-moviment taċ-ċittadini Ewropej.

Fit-tweġiba għal dawn il-messaġġi, il-President DEPREZ enfasizza li d-delegazzjoni LIBE kienet immirata biex issaħħaħ id-djalogu bejn il-leġislaturi nazzjonali u dawk Ewropej filwaqt li tirrispetta għal kollox l-indipendenza tagħhom.
F'din il-perspettiva, huwa spjega li l-Kumitat LIBE kien l-aktar imħasseb bil-leġiżlazzjoni Taljana adottata reċentement li tipprovdi "ċirkostanza aggravanti" għal kull tip ta' reat, għas-sempliċi fatt li meta dak li jkun ikkommetta r-reat kien illegalment fit-territorju Taljan. Skond il-LIBE, l-Kummissjoni Ewropea u s-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tali dispożizzjoni tidher diskriminatorja u kontra l-prinċipji tal-KE dwar il-libertà tal-moviment taċ-ċittadini tal-UE.
Fl-istess perspettiva l-President Deprez għamel referenza għall-abbozz "digriet leġislattiv" li jimplimenta d-Direttiva 2004/38 (dwar il-libertà tal-moviment u r-residenza taċ-ċittadini tal-UE) li tista' ma jkunx konformi mal-leġiżlazzjoni tal-KE.

Imbagħad tkellmu l-parteċipanti li ġejjin:

[1] Reġistrazzjoni awdjo tal-laqgħa hija aċċessibbli fl-indirizz li ġej:
http://www.radioradicale.it/scheda/262587/incontro-del-comitato-per-le-liberta-civili-la-giustizia-e-gli-affari-interni-del-parlamento-europeo-con-i

[2]

Is-Sur Luca ROMAGNOLI li saħaq fuq il-fatt li fl-Italja dawk li mhumiex ċittadini jistgħu jgawdu saħansitra minn aktar drittijiet u faċilitajiet miċ-ċittadini Taljani, pereżempju, huma ma jħallsux taxxi u redevances amministrattivi. Biex jikkonferma din id-dikjarazzjoni huwa ppreżenta s-sinopsis annessa;

- Is-Sur Giusto CATANIA rrefera għall-opinjoni mressqa mis-servizz legali tal-PE dwar iċ-ċirkostanza aggravanti u għan-natura diskriminatorja tagħha u enfasizza li reċentement aspetti ta' sigurtà marbutin mal-preżenza tal-barranin fl-Italja kienu eżaġerati b'mod mhux ġustifikat;
- Is-Sinjorina Els DE GROEN-KOUWENHOVEN enfasizzat l-istagħġib tagħha dwar il-messaġġi kontradittorji li nqalgħu dwar il-"Pakkett ta' Sigurtà" Taljan. Filwaqt li skont il-Gvern Taljan il-"Pakkett ta' Sigurtà b'mod partikolari l-"Ordnijiet ta' Emerġenza" kienu maħsuba essenzjalment għall-integrazzjoni sħiħa tar-Roma, wasal messaġġ differenti mir-rapport tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, u minn sorsi oħra li skont dawn il-miżuri meħuda kienu prinċipalment ta' natura ripressiva u jallegaw ukoll trattament ħażin ħafna tat-Tfal tar-Roma mill- "Carabinieri"([1]) ;

Hija u titkellem is-Sra. De Groen-Kouwenhoven ġiet interrotta minn protesti ta' diversi Membri Taljani tal-Parlament nazzjonali u tal-Parlament Ewropew u l-President Deprez stedinha biex tiffoka fuq kwistjonijiet leġislattivi. Hija mbagħad reġgħet tenniet it-tħassib tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-diskriminazzjoni possibbli bejn iċ-ċittadini Ewropej f'każ ta' tkeċċija mill-kampijiet tan-nomadi.

Il-President BOLDI maqdar l-istqarrijiet tas-Sra. DE GROEN bħala għal kollox infondati u l-President PESCANTE rreaġixxa billi reġa' rrefera dawn l-akkużi bħala eżempju ħażin tal-mentalità ta' pajjiz is-Sra. Mrs De Groen-Kouwenhoven.

Il-Viċi President ZACCARIA intervjena minnufih wara li talab l-attenzjoni ta' dawk preżenti għall-fatt li Mrs DE GROEN ma kienet qiegħda takkuża lil ħadd iżda kienet qiegħda tirreferi biss għal sorsi esterni.
Hu mbagħad stieden l-udjenza biex tiffoka fuq in-natura speċifika fil-qafas legali Taljan tal-miżuri għall-protezzjoni ċivili tal-"Ordnijiet ta' Emerġenza" ta' Mejju 2008 li jinħtieġu l-marki tas-swaba' tan-nomadi u li kienu stabbiliti. Dawn l-ispeċi ta' miżuri eċċezzjonali anke jekk ta' natura amministrattiva jistgħu jissospendu temporanjament l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ordinarja. Skond il-Viċi President ZACCARIA, tal-inqas fl-ewwel fażi tal-eżistenza tagħhom dawn l-"Ordnijiet" kienu implimentati b'mod inkosistenti u qam tħassib serju barra u ġewwa l-Pajjiż.
Huwa biss fit-tieni fażi li s-sitwazzjoni legali ġiet iċċarata bl-adozzjoni mill-Ministru tal-Intern tal-"Linjigwida" interpretattivi approvati qabel mill-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-dejta ("Garante").

Is-Senatur SANTINI intervjena mbagħad billi fakkar li fil-leġislatura preċedenti tal-Parlament Ewropew huwa kien ir-Rapporteur għad-Direttiva dwar il-libertà tal-moviment taċ-ċittadini Ewropej. Sfortunatament f'dak iż-żmien ma kien hemm ebda idea tal-moviment possibbli ta' mijiet ta' eluf ta' ċittadini Ewropej hekk kif ġara wara t-tkabbir tal-UE bl-Istati Membri ġodda. Għalhekk id-Direttiva 2004/38 m'għandhiex biss tikkunsidra is-sitwazzjoni Roma imma wkoll dik ta' ħafna minoritajiet oħra.

[1] L-istħarriġ ġudizzjali fuq din il-kwistjoni għadu pendenti.

Il-Viċi President VALENTINI fakkar lil dawk preżenti li sitwazzjoni oġġettiva ta' emerġenza kienet diġà fis-seħħ taħt il-Gvern preċedenti. Huwa ħa nota tal-mistoqsija mressqa fuq il-liġi dwar iċ-"ċirkostanzi aggravanti" iżda informa lil dawk preżenti li t-Tribunal ta' Latina reċentement ressaq il-każ quddiem il-Qorti Kostituzzjonali Taljana biex tinstab malajr pożizzjoni legali definittiva. Huwa afferma wkoll li l-komunitajiet kollha preżenti fit-territorju Taljan għandhom jitqiesu ugwali quddiem il-liġi.

Is-Sra. WEBER ukoll iffokat fuq iċ-ċirkostanzi aggravanti. Hija semmiet li ġeneralment, fil-liġi kriminali, iċ-ċirkostanzi aggravanti huma marbutin ma' mġiba speċifika tal-persuna konċernata u mhux mal-istatus tagħha. Hija fakkret fis-sitwazzjoni ta' kunflitt interpretattiv possibbli bejn il-Qorti Kostituzzjonali Taljana u l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Is-Sra. MOHÁCSI staqsiet diversi mistoqsijiet:
- fuq liema bażi ġie deċiż li jiffokaw fuq mira soċjali partikolari (in-nomadi),
- għaliex l-Italja ma qisitx lir-Roma bħala minoranza nazzjonali,
- jekk il-"pakket ta' sigurtà" jew parti minnu ntbagħatx lill-Qorti Kostituzzjonali,
- jekk hijiex l-opinjoni tal-parlamentari nazzjonali li l-"Pakkett ta' Sigurtà" jittrattax b'mod korrett maċ-ċittadini Ewropej, ma' nies minn pajjiżi terzi u ma' nies ta' mingħajr ċittadinanza.

Is-Sra. JÁRÓKA staqsiet kemm kien hemm tfal tar-Roma li ttieħdu mill-ġenituri tagħhom mill-Awtoritajiet Taljani u qajmet il-kwistjoni ta' tkeċċija awtomatika taċ-ċittadini Ewropej għal reati li l-kastig tagħhom huwa sentenza ta' sentejn biss.

Is-Senatur MARINARO enfasizza l-importanza li jiġu integrati l-minoranzi u li jitjieb id-djalogu inter-parlamentari, biex jitħejjew laqgħat futuri billi jkunu ffokati b'mod aktar preċiż fuq kwistjonijiet li jridu jiġu diskussi. Hija kkonkludiet billi faħħret l-appoġġ mogħti mill-Kummissjoni Ewropea.

Is-Sra. ANGELILLI dehrilha dan it-tip ta' laqgħat huma siewja u faħħret l-inizjattiva tal-Gvern li jissottometti l-abbozz tal-leġiżlazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea. Rigward l-aspetti organizzattivi ta' dan it-tip ta' laqgħat, hija kkunsidrat interessanti l-fatt li jkunu tradotti d-dokumenti (bħal Ordnijiet ta' Emerġenza tal-Gvern u l-Opinjoni tal-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar).
Waqt li rreferiet għall-opinjoni tas-servizz legali tal-Parlament Ewropew, hija saħqet fuq il-fatt li ċ-ċittadini tal-UE jistgħu jesprimu d-dubji tagħhom fuq iċ-ċirkostanzi aggravanti iżda dawn tal-aħħar huma kkunsidrati leġittimi meta applikati għal ċittadini minn pajjiżi terzi.
Fl-aħħar, hija rreferiet għas-sitwazzjoni kritika tat-tfal tar-Roma li huma prattikament abbandunati.

Is-Sur MARINESCU esprima opinjoni negattiva fuq dak li afferma l-President PESCANTE dwar il-problemi ta' sigurtà marbuta mal-adeżjoni tar-Rumanija fl-UE, ladarba l-komunita Rumena hija waħda mill-iktar komunitajiet integrati u attivi fl-Italja. Il-problemi jeżistu iżda ma jistgħux jkunu ġeneralizzati. F'din il-perspettiva, huwa staqsa żewġ mistoqsijiet: x'inhu l-għan veru taċ-"ċensiment"? Jekk vera hemm emerġenza soċjali, l-awtoritajiet kif qegħdin jippjanaw li jsolvuha?

Il-President BOLDI **enfasizza** l-ħtieġa essenzjali biex tiġi żgurata l-identità ta' kulħadd u b'mod partikolari dik tat-tfal sabiex jiġi evitat l-isfruttament minn netwerks kriminali.

Is-Sur GOZI jidhirlu li l-Italja kienet qiegħda taffaċċja problema strutturali li bilkemm tista' tissolva b'għodod ta' emerġenza.
Huwa informa lid-delegazzjoni LIBE li l-oppożizzjoni vvotat kontra l-adozzjoni tad-digriet leġislattiv abbażi tal-istess argumenti mressqa mid-Deligazzjoni LIBE u mill-Kummissjoni Ewropea b'mod partikolari dwar iċ-ċirkostanzi aggravanti.
Waqt li rrefera għat-traspożizzjoni Taljana tad-Direttiva 2004/38, huwa kkunsidra li jreġġa' lura l-piż tal-prova għaċ-ċittadini Ewropej (li, skond wieħed mid-digrieti, għandhom jagħtu xhieda tan-natura leċita tar-riżorsi finanazjarji tagħhom) li mhuwiex konformi mad-Direttiva. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' reġistrazzjoni wara tliet xhur ta' preżenza fl-Italja ma jistax jiġġustifika t-tkeċċija ta' ċittadin Ewropew.

Il-Viċi President VALENTINI, wieġeb lis-Sra. JAROCKA, u fakkar li kull tkeċċija għandha tiġi deċiża minn imħallef u mhux minn awtorità amministrattiva. Fit-tweġiba lis-Sra. MOHÁCSI, huwa fakkar li l-miżuri Taljani ma kinux mmirati għal xi minoranza speċifika u f'kull każ l-integrazzjoni hija proċess f'żewġ direzzjonijiet li jitlob minn kulħadd rieda sinċiera biex tiġi intergrata fis-soċjetà Taljana.

Il-President BOLDI għalaq il-laqgħa billi qal li kienet siewja u li kellhom isiru laqgħat oħra, x'aktarx ikunu aktar iffokati u ppreparati minn qabel, sabiex jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-parlamentari nazzjonali u dawk Ewropej.

2. Laqgħa mal-organizzazzjonijiet b'mandat pubbliku u mal-NGOs

Wara li ta merħba lill-isituzzjonijiet kollha u lill-NGOs iċ-Chaiperson DEPREZ ressaq serje ta' mistoqsijiet bħal**:**
1) ir-rwoli li hemm fir-rigward taċ-ċensiment ta' kampijiet nomadi;
2) kif id-dejta nġabret permezz taċ-ċensiment,
3) kif jiġġudikaw is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Italja u kif se jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili.

Ir-rappreżentant tal-UNCHR, Paolo ARTINI, iddikjara li 20% tal-160.000 Roma fl-Italja ġew mill-Balkani, u ma jistgħux jitkeċċew ladarba dawn jistgħu jiġu kkunsidrati bħala nies li jfittxu l-kenn. Huwa kkundanna klima ta' razziżmu u ksenofobija li qiegħda tiżdied f'diversi setturi tas-soċjetà Taljana u b'mod iktar ġenerali l-indifferenza dejjem tikber tal-opinjoni pubblika dwar is-sitwazzjoni ta' persuni minn pajjiżi terzi.
Sfortunatament l-awtoritajiet Taljani ma jimplimentawx politika reali ta' integrazzjoni u aktar minn hekk ma jikkundannawx bil-qawwa atti razzisti, u f'xi okkażjonijiet l-episodji ta' trattament ħażin u vjolenza minn aġenti tal-infurzar tal-liġi, kif suppost jagħmlu**.** Huwa fakkar "Il-Karta tar-Roma" tal-UNCHR u ddikkjara li r-responsabilà ewlenija tas-sitwazzjoni attwali għandha tirreferi għan-nuqqas ta' rieda tal-politiki u l-politiċi;

Ir-rapprezentant tal-UNICEF, is-Sur SALVAN, spjega li l-UNICEF bdiet kampanja kontra kull forma ta' diskriminazzjoni u għad-drittijiet tat-tfal u kellha diversi laqgħat u diskussjonijiet mal-Ministru MARONI fuq l-impatt li jista' jkollhom il-"Pakkett ta' Sigurtà u

l-"Ordnijiet ta' Emerġenza". Huwa enfasizza l-ħtieġa li jinħoloq djalogu reali mal-komunità tar-Roma kif ukoll rikonoxximent formali tagħha mill-Italja bħala kompatrijotta, taħt il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa. Huwa insista l-ħtieġa ta' politika effettiva ta' integrazzjoni li tippromwovi l-edukazzjoni, ix-xogħol, id-drittijiet tat-tfal, is-saħħa, l-akkomodazzjoni, eċċ.

Ir-rappreżentant tal-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar Taljana (OSAT), is-Sur CAPUANO ddikkjara li x-xogħol tal-OSAT għall-Kummissarju Straordinarju tal-Gvern bħala intermedjarju u li, f'relazzjoni maċ-ċensiment, għandu rwol attiv f'Ruma biss. L-OSAT mhix involuta fix-xogħol taċ-ċensiment f'Napli u f'Milan, l-OSA taħdem hemm biss biex tgħin fejn tidħol is-saħħa.
F'Ruma l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar ġabret "fogli notizie" (kards b'informazzjoni dwar is-saħħa, l-isem, il-kunjom, eċċ) mingħand dawk li kienu pparteċipaw b'mod volontarju fiċ-ċensiment u qassmu wkoll kards speċifiċi għall-aċċess ħieles għas-saħħa u s-servizzi taċ-ċittadini f'Ruma.
Sa fejn għandu x'jaqsam iċ-ċensiment, l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar aġixxiet fi 36 sistemazzjoni, il-biċċa l-kbira ta' natura mhux awtorizzata, billi ffokat l-aktar fuq persuni vulnerabbli. Dejta fuq is-sitwazzjoni attwali se tingħabar direttament mill-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar sa nofs Ottubru.
Skont l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar, ma kienx meħtieġ li jingħabru l-marki tas-swaba' u d-dejta personali kollha inżammet minn uffiċjal għall-protezzjoni tad-dejta tal-OSAT u hija aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti (pereżempju minn imħallfin għal stħarriġ kriminali).
Verżjoni bid-dejta anonima se tintbagħat lil stitut għal skopijiet statistiċi.
B'hekk l-OSAT tfisser il-missjoni tagħha bħala mod kif tagħti identità lil 2.500 persuna f'sitwazzjoni vulnerabbli.

Is-Sur CAPUANO imbagħad wieġeb diversi mistoqsijiet imressqa mis-Sra. De Groen, is-Sra. Valean, Weber, Romagnoli, Borghezio u Frassoni

Ir-rappreżentant tal-OPERA NOMADI, is-Sra. LUONGO, tat xi figuri ġenerali dwar in-natura tal-minoranza Roma billi fakkret li l-preżenza tagħha fl-Italja tmur lura għas-seklu XIV, 60/70% ta' dawn in-nies kienu taħt it-18-il sena u l-għomor tal-ħajja kien b'medja ta' 20 sena inqas għal nies akbar fl-età. In-nies li jmorru l-iskola kienu minoranza u ħafna drabi f'każ ta' tfal abbandunati jew abbużati kienu jifirduhom minn mal-ġenituri tagħhom u jitfgħuhom fi stituti.

Ir-rappreżentant tal-AMNESTY INTERNATIONAL ikkundanna ż-żieda tar-razziżmu u tal-ksenofobija f'xi settur tal-opinjoni pubblika fl-Italja (fenomenu li jinkwieta wkoll lil xi Awtoritajiet Pubbliċi ta' livell għoli) u l-klima ta' biża' u mibegħda li qiegħda tiżdied kontra persuni minn pajjiżi terzi. Huwa deherlu li dawn ix-xejriet inkwetanti kienu parzjalment promossi fl-opinjoni pubblika minn xi partiti politiċi u minn komunikazzjoni pubblika biex titfa' impressjoni ħażina fuq l-għanijiet tal-"Pakkett tas-Sikurezza" u l-Ordnijiet ta' Emerġenza.

Ir-rappreżentant tal-CARITAS iddikjara li, skond Opera Nomadi, hemm 200.000 Roma, filwaqt li l-Ministru tal-Intern Taljan jitkellem dwar 130.000 Roma, li minnhom bejn wieħed u ieħor 50% huma ċittadini Taljani. Sfortunatament l-aħħar Ċensiment Ġenerali tal-

popolazzjoni Taljana jmur lura għall-1995. Skont il-Caritas, jeżistu diskriminazzjonijiet. Il-kwistjoni tħalliet fil-ġenb għal numru ta' snin u issa qiegħda tisplodi; ir-rappreżentant tal-Caritas tkellem ukoll dwar it-tipi differenti ta' kampijiet, xi wħud awtorizzati u oħrajn mhumiex, xi wħud immexxija mill-kontea ta' Ruma.

Ir-rappreżentant tal-COMUNITA DI ST EGIDIO, is-Sur Paolo CIANI, fakkar li l-Ministru MARONI nnifsu ħabbar waqt smigħ parlamentari ta' nhar il-25 ta' Ġunju li "aħna tlabna lill-uffiċjali biex jiġbru l-marki tas-swaba' ta' kulħadd, inklużi l-minuri" u li dan il-messaġġ għadda mingħand l-istampa għal għand il-pubbliku. Barra minn hekk wara dikjarazzjoni bħal din, il-Kummissarju Straordinarju tal-Gvern f'Napli beda jieħu l-marki tas-swaba' ta' 350 persuna (fosthom 50 minuri). Din il-mossa mbagħad twaqqfet minħabba l-kritika mressqa mill-Awtoritajiet Ewropej (il-Parlament Ewropew u l-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-drittijiet tal-bniedem). Is-Sur CIANI għalhekk irrikononxxa li l-"Linjigwida" adottati fit-23 ta' Lulju taw interpretazzjoni korretta tal-mod li bih l-"Ordnijiet ta' Emerġenza" kellhom jiġu applikati. Sfortunatament dawn il-linjigwida ma kinux sarux pubbliċi, lanqas f'konferenza tal-istampa, li wasslu għal konfużjoni u diffikultajiet għan-nies interessati li jinvokawhom.

Is-Sur GRAZIANO, rappreżentant tal-ARCI fakkar li r-Roma hija minoranza fost l-akbar fl-Ewropea ħalli l-problema tiġi indirizzata wkoll fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Huwa deherlu wkoll li jekk l-għan veru kien li l-komunità tintegra aħjar fis-soċjetà Taljana, il-Ministru tas-Sigurtà Soċjali kellu jkun għażla aħjar. Huwa enfasizza wkoll li l-aħjar mod kif tintegra n-nies tar-Roma għandu jkun li tinkludi r-rappreżentanti tal-komunità fi programmi ta' intergrazzjoni billi tipprova tegħleb l-aktar l-isfruttament tat-tfal u billi telimna kull forma ta' "gettoizazzjoni".

Is-Sur GUARNERI, rappreżentant tal-assoċjazzjoni ta' "Roma u Sinti insieme" żied ma' dak li qalu l-kelliema ta' qablu billi u afferma li ma kienx hemm involviment ta' veru tal-komunità tar-Roma, li ħassitha eskluża minn kull tip ta' djalogu. Dan enfasizza l-fatt li n-nies tar-Roma m'għandhomx ikunu ddiskriminati anke taħt dak li jidher bħala diskriminazzjoni "pożittiva". Huwa sfida wkoll il-politika Ewropea attwali f'dan il-qasam u n-nuqqas ta' trasparenza fid-deċiżjoni finali ta' EUR 250 miljun allokati lill-Istati Membri mill-Komunità Ewropea biex jindirizzaw l-emerġenza Roma f'livell Ewropew.

Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru 2008

Laqgħa mal-"Garante"– l-Awtorità Taljana għall-Protezzjoni tad-Dejta.

Il-President tal-"Garante" **Prof. Francesco PIZZETTI** [1] (DPA), akkumpannjat mis-Sur PAISSAN u s-Sur CHIARAVALLOTI mill-istess awtorità u mis-Segretarju Ġenerali is-Sur BUTTARELLI taw merħba lid-delegazzjoni LIBE.
Prof. PIZZETTI informa lid-delegazzjoni li hekk kif l-"Ordnijiet ta' Emerġenza" ġew addottati, l-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Dejta talbet lill-uffiċjali fil-kapaċità tagħhom ta'

[1] http://www.garanteprivacy.it/garante/navig/jsp/index.jsp, Pjazza Monte Citorio n. 121 00186 Roma,
E-mail: garante@garanteprivacy.it, Tel: (+39) 06.69677.1

"Kummissarji Straordinarji" biex jipprovdu informazzjoni fuq il-mod li bih kellu jkun imwettaq iċ-ċensiment. Kieku deher mit-tweġibiet riċevuti li l-Uffiċċjali kienu qed jimplimentaw l-« Ordnijiet » b'modi differenti, l-APD kkuntattjat lill-Kabinett tal-Ministri u l-Ministru tal-Intern sabiex tiżgura li l-"ordnijiet" ġew implimentati b'mod konsistenti. Biex jagħmel dan il-Ministru tal-Intern iddeċieda li joħroġ il-"Linjigwida" billi jikkunsidra l-opinjonijiet tal-APD Taljana u tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-dejta tal-UE, b'mod partikolari jeskludi bażijiet ta' dejta speċifiċi u profili.
Fl-istess perspettiva l-APD Taljana u l-Ministeru tal-Intern sabiex jevitaw xi tip ta' diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità, qablu li ma jiġbrux dejta etnika u reliġjuża u jiġbru dejta ta' saħħa fuq bażi volontarja biss.

F'dan il-kuntest, l-APD qalet li l-marki tas-swaba' għandhom jittieħdu biss meta huwa impossibbli li tidentifika persuni inkella tagħmel distinzjoni bejn minuri ta' 6 snin (il-liġi ordinarja tipprevedi li l-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi jistgħu jitolbu l-marki tas-swaba' ta' minuri u, jekk huwa l-każ, il-Prosekutur Legali jieħu azzjoni, filwaqt li l-linjigwida jiddikjaraw li mingħajr awtorizzazzjoni preċedenti tal-Prosekutur Legali ma jistgħux jittieħdu marki tas-swaba' tal-minuri). Distinzjoni oħra għandha ssir bejn minuri ta' bejn is-6 u l-14-il sena, minuri bejn l-14 u t-18-il sen u l-adulti.

Kuntatti bejn il-Ministeru u l-APD komplew u meta l-linjigwida fl-aħħar intbagħtu lill-APD, il-Ministeru talabhom biex jippubblikahom.
L-APD talbet ukoll li dejta miġbura b'mod illegali għandha tinqered, u li ebda bażi ta' dejta ma tinħoloq u li għandhom isiru kontrolli xierqa.
Fit-tweġib tiegħu għall-mistoqsijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew, il-Professur Pizzetti spjega li:
- l-APD se tgħaddi għal kontrolli fuq il-post fuq talba minn suġġetti ta' dejta, sabiex tara jekk il-linjigwida humiex applikati b'mod korrett;
- s'issa ebda lment ma wasal għand l-APD minn persuna li tallega li sar abbuż mid-dejta tagħha;[1]
- il-ġbir tal-marki tas-swaba' u d-dejta marbuta mal-etniċità u r-reliġjon saret biss f'Napli, meta beda ċ-ċensiment; l-APD intervjeniet biex twaqqaf dan il-ġbir. F'Ruma, l-uffiċjal stenna l-intervjent tal-APD qabel jibda ċ-ċensiment, u f'Milan 4 persuni biss itteħdulhom il-marki tas-swaba' fil-qafas tal-investigazzjonijiet kriminali.

Laqgħa mas-Sur Gianni ALEMANNO, Sindku ta' Ruma

Wara merħba sabiħa lid-Deligazzjoni LIBE, is-Sindku ALEMANNO enfasizza li:
- is-sitwazzjoni tal-kampijiet tan-nomadi ma baqgħetx tolleranti u kienu meħtieġa miżuri ta'

[1] *- il-Membri tal-Parlament Ewropew in ġenerali għamlu mistoqsijiet dwar: il-proporzjonalità u l-ħtieġa tal-ordnijiet u tad-dikjarazzjoni tal-istat ta' emerġenza , dak li ġara fil-perjodu bejn l-ordnijiet u l-ħruġ tal-linjigwida; id-differenza bejn id-dejta mogħtija mill-OSAT u dawk mogħtija mill-awtoritajiet (Catania); kif id-dejta hija trattata mis-CRI u jekk l- APD hix se tagħmel inkjesta biex tiċċekkja jekk id-dejta hijiex trattata skond il-linjigwida (Fava); jekk il-ġbir tad-dejta marbut mal-minuri huwiex skont il-liġi ordinarja tal-TI jewfid-derogazzjoni tagħha (Renate Weber); aktar informazzjoni fuq id-dejta miġbura waqt iċ-ċensiment (Mohacsi); it-teħid tal-marki tas-swaba' tal-minuri, ir-raġunijiet soċjali wara ċ-ċensiment, l-intervjenti tal-APD (Agnoletto); etc (meta jingħataw it-tweġibiet, dawn jiddaħħlu hawn fuq fid-dikjarazzjonijiet tal-APD)*

emerġenza
- dawn il-miżuri se jittieħdu taħt id-direzzjoni tal-Kummissarju Straordinarju u billi jiżguraw il-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem, tan-non diskriminazzjoni u tas-sigurtà tan-nies interessati
- ħafna nies li joqogħdu fil-kampijiet tan-nomadi huma ċittadini Taljani, oħrajn huma ċittadini tal-UE u oħrajn li mhumiex f'sitwazzjoni li għad trid tiġi vverifikata (ma jimpurtax l-etniċità tagħhom jew kwistjonijiet oħra);
- jeħtieġ li tiġi pprovduta għajnuna, u biex jieħdu ħsieb l-integrazzjoni ta' nomadi sabiex jiġu ppjanati interventi ta' dan it-tip,
- l-ewwel jeħtieġ li jkun hemm aktar informazzjoni dwar in-nomadi (iwieġeb il-mistoqsija tal-MEP CATANIA dwar il-fatt li l-programmi tal-iskejjel digà bdew iżda kull azzjoni li ttieħdet dwar it-tagħlim tat-tfal nomadi u dwar il-ħtieġa għal interventi urġenti fil-kampijiet);
- il-miżuri previsti mill-amministrazzjonijiet preċedenti tal-Belt inżammu, u qed jistennew it-tmiem taċ-ċensiment li hu maħsub li se jkun f'nofs Ottubru; u wara dan, il-Prefett, li attwalment għandu f'idejh is-setgħat fir-rigward tal-integrazzjoni tan-nomadi abbażi l-ordnijiet approvati mill-gvern, se jniedi għadd ta' interventi fl-oqsma tal-integrazzjoni, abitazzjoni, edukazzjoni, taħriġ, xogħol, eċċ;

Is-Sindku ALEMANNO sostna wkoll li meta d-dejta tinġabar se tkun ir-responsabbiltà tal-Prefett li jġestiha. Sa fejn kellha x'taqsam id-Direttiva dwar il-libertà ta' moviment huwa ddikjara li skont il-liġi Taljana l-persuni se jiġu mkeċċija jekk jinstabu illegalment fuq art Taljana.

Laqgħa mas-Sur MARONI, il-Ministru tal-Intern
u mas-Sur Ronchi, Ministru tal-Affarijiet Barranin

Il-Ministru MARONI ta merħba lid-delegazzjoni tal-LIBE u għamel referenza għall-ewwel laqgħa mal-President Deprez fejn kienet tqajmet il-kwistjoni tal-"Ordnijiet ta' Emerġenza".

Huwa ddikjara li l-implimentazzjoni tal-"Ordnijiet ta' Emerġenza" kienet diġà bdiet u b'mod partikolari, iċ-"ċensiment" tan-nies u tal-bżonnijiet kien miexi sew. L-ewwel rapport bl-informazzjoni relevanti kollha kien diġà ntbagħat fl-1 ta' Awwisu lill-Viċi-President Barrot.
Wara dan, il-Kummissjoni kienet bagħtet risposta pożittiva. Infatti, il-Viċi-President Barrot innota li l-kontenut tar-rapport, b'mod partikolari ċ-ċertezza mogħtija mill-Ministru Maroni li l-ebda dejta ma kienet qiegħda tiġi miġbura abbażi ta' oriġini etnika jew reliġjon. Il-Viċi-President Barrot talab li jibqa' jiġi infurmat dwar l-applikazzjoni abbażi tal-linji gwida li l-Ministru Maroni kien ta lill-Prefetti.

Huwa pprovda lid-delegazzjoni d-dejta attwali rigward iċ-ċensiment: iċ-ċensiment sar fuq: 1.588 persuna fil-Lombardija, li 773 minnhom huma taħt l-età; 1607 persuni fil-Campania, li 786 minnhom huma taħt l-età; 2679 persuna f'Lazio, li minnhom 1228 huma taħt l-età.

Hu informa wkoll lid-delegazzjoni li 1525 tifel u tifla kienu jattendu l-iskola, li juri l-ħtieġa ta' pjan li kellu jitfassal dwar l-edukazzjoni fl-iskejjel mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-UNICEF, l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar.

Skont l-iskeda attwali ċ-"ċensiment" fit-3 reġjuni se jkun tlesta sa nofs Ottubru u li f'dak il-

mument biss tibda tiġi implimentata t-tieni fażi tal-"Ordnijiet ta' Emergenza". Waqt it-tieni fażi l-Kummissajarji Straordinarji se jkollhom:
- isibu siti xierqa għal kampijiet ġodda "regolari" sabiex jieħdu post dawk irregolari,
- jassiguraw li t-tfal jattendu l-iskola
- jippromwovu l-integrazzjoni tal-komunitajiet, għajnuna soċjali u tas-saħħa, taħriġ u xogħol;
Għal issa l-abitanti tal-kampijiet tan-nomadi wieġbu b'mod pożittiv għaċ-ċensiment, immirat biex jagħtihom identità u futur.

Meta wieġeb flimkien mal-Ministru Ronchi għal sensiela ta' mistoqsijiet tal-MEPs, hu żied li l-għan tal-intervent hu li jelimina l-kampijiet abbużivi u l-kundizzjonijiet degradanti li fihom qegħdin jgħixu n-nomadi; l-għan hu li jinħolqu rħula fejn jiġu pprovduti servizzi u strutturi, biex jiżguraw koezistenza paċifika (bħal m'hemm f'Voghera);

Il-Ministri esprimew it-tama' tagħhom li, grazzi anke għal din iż-żjara, se tkun possibli li jegħlbu, jekk mhux il-kuntrasti politiċi, in-nuqqas ta' qbil. Min-naħa tiegħu l-gvern Taljan diġà wera r-rieda tiegħu għas-sejba ta' soluzzjoni kompatibbli mal-prinċipji tal-UE wkoll għat-tliet abbozzi ta' digrieti leġiżlattivi li huma parti mill-"Pakkett ta' Sigurtà".

B'mod aktar speċifiku dwar dawn it-testi l-Ministru MARONI informa lid-delegazzjoni tal-LIBE li
- il-Kummissjoni Ewropea ma qablitx biss mad-digriet rigward iċ-ċittadini tal-UE u l-libertà ta' moviment, filwaqt li kien irċieva approvazzjoni fuq iż-żewġ miżuri l-oħra (dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja u l-ażil);
- se jkun meħtieġ eżami supplimentari fil-gvern u fil-parlament Taljan u li hu se jibgħat test rivedut lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew sabiex jevitaw nuqqas ta' konformità mal-liġi tal-UE.

Rigward il-miżura li diġà qiegħda fis-seħħ, li jiġu introdotti ċirkustanzi aggravanti fil-liġi kriminali għaċ-ċittadini tal-UE li joqogħdu b'mod irregolari fl-Italja, il-Ministru qal hi għall-awtoritajiet Taljani, kien ċar li l-*aggravante* kienet se tkun applikabbli biss għan-nies li mhumiex ċittadini tal-UE. Huwa kien konxju li din il-kwistjoni qajmet problemi ta' konformità mal-liġi tal-UE imma afferma li kien aħjar li tiġi solvuta permezz ta' interpretazzjoni "awtentika" tal-liġi u mhux permezz ta' emenda formali tal-miżura.

Rigward iċ-ċensiment tal-kampijietr tan-nomadi u d-dejta miġbura f'Napli qabel ma ħarġu l-linji gwida, il-Ministru qal li ser jerġgħu jiġu pproċessati skont il-linji gwida.

Huwa informa wkoll lid-delegazzjoni li minn meta kien hemm l-approvazzjoni tad-"digriet ta' Amato", kienu tkeċċew 350 ċittadin tal-UE, fuq bażi ta' każ b'każ, minħabba att amministrativ speċifiku u li ma hemmx ċittadini tal-UE f'ċentri ta' detenzjoni temporanja għall-immigranti.

Rigward l-attakki fil-kamp ta' Ponticelli, il-Ministru MARONI ddikjara li l-inkjesta ġudizzjarja għada għadejja.

Huwa informa wkoll li 3 Miljun Euro ġew allokati għaċ-ċensiment, u li fit-tieni fażi se jiġu provduti fondi mill-Ministeru tal-Intern u tal-Edukazzjoni, mir-reġjuni, mill-provinċji u mill-muniċipalitajiet, f'kollaborazzjoni mal-UNICEF.

Huwa informa li fid-9 ta' Ottubru se jkun hemm laqgħa fejn se jattendu l-awtoritajiet Taljani u dawk Rumeni, waqt li fit-30 ta' Settembru l-Ministru MARONI se jiltaqa' mal-Ministru tal-Intern Rumen DAVID f'Bucharest.

Meta kien qed jikkonkludi l-laqgħa, ic-Chairperson DEPREZ saqsa lill-Ministru MARONI jekk fehemx sew li l-miżuri leġislattivi dwar il-libertà ta' moviment taċ-ċittadini tal-UE u ċ-ċirkustanzi aggravanti se jiġu riveduti skont l-indikazzjonijiet mill-istituzzjonijiet tal-UE, u l-Ministru MARONI ta konferma ta' dan.

Żjara ta' żewġ kampijiet tan-nomadi tar-Roma[1]

Id-delegazzjoni l-ewwel żaret il-kamp Casilino 900, u mbagħad il-kamp Salone.

Casilino 900, Via Casilina, subborg fix-Xlokk ta' Ruma

Skont l-istampa, hemm 650 persuna jgħixu fil-kamp Casalino 900, li minnhom 250 huma taħt l-età. Il-ħolqien tal-Kamp ilu aktar minn 35 sena u qatt ma ġie awtorizzat. Minkejja li fil-ġranet preċedenti is-Servizzi tas-Sanità tal-Kontea ħarġu aktar minn 500 tunnellata ta' materjal 'l barra mill-kamp, dan tal-aħħar deher bħala grupp ta' barrakki li jinsab f'kundizzjoni ħażina ħafna, bħal "favela". Is-sitwazzjoni tkompli tiggrava minħabba n-nuqqas ta' provvista ta' ilma u elettriku kif ukoll għas-sistema ta' tisħin (li ngħalqet wara li waqt żjara tal-aġenti tal-infurzar tal-liġi dawn tal-aħħar skoprew li ma kenitx stabbilita b'mod legali).
Diversi membri tad-delegazzjonijiet żaru l-kamp u tkellmu mal-abitani dwar il-kundizzjonijiet li jinsabu fihom.
Il-President Deprez sab li s-sitwazzjoni hi verament tal-biża' b'mod partikolari minħabba ż-żmien li ilhom f'din is-sitwazzjoni kif ukoll in-nuqqas tal-istandards minimi ta' ħajja normali.
Skont dikjarazzjoni informali li saret fuq il-post, l-għeluq ta' Casilino 900 u t-trasferiment tal-abitanti tiegħu għal kamp "regolari" hija priorità għall-Awtoritajiet Taljani.

Campo Salone, Via di Salone 323, Roma

Il-kamp Salone hu ġestit mill-*Comune di Roma*, flimkien ma' koperattiva soċjali. Skont l-istampa dan hu magħmul minn 135 kontejner jew karavani, u hawn jgħixu 700 persuna. Xarabank li tieħu t-tfal l-iskola hija provduta u xi whud mir-Roma jaħdmu barra mill-kamp.
Mal-ewwel daqqa ta' għajn jidher li l-kundizzjonijiet li qegħdin jgħixu fihom huma ferm aħjar minn dawk tal-kamp Casalino 900 u jagħtu prova li jista' jkun hemm aktar dinjità umana li tmur ma' residenza temporanja.
Għalhekk, anke f'dan il-każ kien diffiċli li wieħed jifhem kif in-nies li ilhom jgħixu hemm snin għadhom ikkunsidrati bħala "nomadi".

Konferenza Stampa – *Post*: *Ambasciatori Hotel*[2]

Il-konferenza stampa tista' tinstema' fuq: http://www.radioradicale.it/scheda/262633

[1] *Il-kampijiet jaqblu mal-grupp politiku fl-10.09.2008*
[2] *Ambasciatori Palace Hotel,* Via Vittorio Veneto, 62 - 00187 Roma, Tel. +39 06 47 493

KONKLUŻJONIJIET:

Apparti mill-fatt li ż-żjara tad-delegazzjoni tal-LIBE kienet waħda qasira ħafna, skont ir-rapporteur tiegħek kienet waħda utli minħabba li:

1. setgħet tivverifika t-tensjoni socjali u l-klima li attwalment qiegħda tikkaratterizza l-Italja fir-rigward tas-sitwazzjoni tan-nomadi. L-ansjetà qiegħda tinfirex ma' kullimkien u qisha qed tkabbar is-sens ta' insigurtà fost iċ-ċittadini Taljani u barranin fil-ħajja ta' kuljum. Kien hemm żieda fl-atti ta' ksenofobija u razziżmu, uħud minnhom involuta vjolenza li qatt ma kien hemm bħalha. L-"allarm soċjali" imsemmi, li jiġġustifika l-"Pakkett ta' Sigurtà" u l-"Ordnijiet ta' Emerġenza", għadu hemm, u r-rwol ta' reazzjoni esaġerata tal-midja u tad-diskorsi politiċi jidhru li qed iktar iqanqlu milli jikkalmaw it-tensjoni ta' bħalissa fis-socjetà Taljana.

2. setgħet teżmina u tifhem, b'mod parzjali, il-komplessità legali tal-miżuri differenti li ħadu l-Awtoritajiet Taljani fil-qafas tal-hekk imsejjaħ "pakket ta' sigurtà". Il-pakkett jgħaqqad flimkien id-Digriet tal-Liġi mibdul f'liġi, tliet digrieti leġiżlattivi, abbozz ta' liġi ordinarja u erba' ordnijiet tal-Gvern adottati skont il-mekkaniżmu tal-protezzjoni ċivili. Tali formazzjoni komplessa legali kienet (u tibqa') diffiċli biex wieħed jifhimha. Il-komunikazzjoni tagħha lill-pubbliku ġenerali u lill-midja tidher li kienet issimplifikata u inkorretta, ħolqot zoni oskuri li ħtieġu aktar internenti bħal, pereżempju, l-adozzjoni (wara t-talba għall-informazzjoni tal-Kummissjoni tal-UE u l-adozzjoni tal-Riżoluzzjoni tal-PE) tal-linji gwida Ministerjali li jakkumpanjaw l-"ordnijiet" tal-Gvern.

3) anke jekk kienet immarkata b'nuqqas ovvju ta' ftehim (probabbilment minħabba problemi fit-traduzzjoni) ta' intervent ta' membru tad-Delegazzjoni tal-LIBE, il-laqgħa mal-Membri tal-Parlament Taljan kienet verament interessanti minħabba li ppermettiet li ssir verifika tal-problemi li jistgħu jinqalgħu meta jiġu implimentati l-miżuri tal-UE (bħad-Direttiva fuq il-libertà tal-moviment taċ-Ċittadini tal-UE). Fit-tmiem tal-laqgħa ġiet iddikjarata x-xewqa li jiġu organizzati laqgħat oħra fuq kwistjoni aktar iffokata u bi tħejjija aktar profonda.

4) ippermettiet il-ġbir ta' opinjonijiet, kummenti u kritika mir-rappreżentanti tal-Istituzzjonijiet (pereżempju l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar u l-UNHCR) u tal-NGOs dwar il-fatt li għal perjodu twil ta żmien il-kundizzjoni tan-nies nomadi ma ġietx mogħtija biżżejjed attenzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi u li s-sitwazzjoni tpoġġiet f'periklu serju.

5) tat l-opportunità li jaslu kjarifiċi u ċertezzi mir-rappreżentanti tal-Gvern, b'mod partikolari, dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:
- iċ-"ċirkustanzi aggravanti" li qegħdin fis-seħħ bħalissa mhumiex se jkunu applikabbli għaċ-ċittadini tal-UE u l-liġi se tiġi emendata (jew interpretata legalment) kif jixraq, f'dan il-każ hi r-responsabiltà tal-Kummissjoni Ewropea li tissorvelja s-sitwazzjoni;
- id-digriet leġiżlattiv li qiegħed jemenda l-leġiżlazzjoni Taljana li qiegħed jimplimenta d-Direttiva 2004/38 se jiġi rtirat u se jiġi adottat abbozz ġdid tal-liġi li jkun konformi mas-suggerimenti tal-Kummissjoni Ewropea u li ma jikkriminalizzax in-nonreġistrazzjoni wara tliet xhur ta' residenza, f'dan ir-rigward wieħed għandu jinnota li l-gvern irtira l-abbozz tad-digriet leġiżlattiv kif wiegħed;
- iċ-"ċensiment" fil-kampijiet tan-nomadi kellu l-għan li jtejjeb l-integrazzjoni soċjali tal-komunità konċernata, b'mod partikulari ta' dawk li huma taħt l-età;

- l-ebda dejtabejż ma kienet u ma hi se tiġi maħluqa u d-dejta miġbura matul l-operazzjonijiet se tiġi trattata bħal kull dejta oħra simili u l-ebda persuna li għandha anqas minn 14-il sena ma hi se tiġi identifikata jew ma hu se jitteħdilha l-marki tas-swaba' mingħajr awtorizzazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja; f'dan il-każ, il-verifikazzjonijiet xierqa se jkunu r-responsabilità tal-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Dejta.

Il-Ministru ħabbar li s-sitwazzjoni se ssir aktar ċara wara l-ewwel fażi taċ-"ċensiment" (nofs Ottubru), wara l-adozzjoni mill-Prefetti ("Commissari") tal-pjanijiet ta' residenza mill-ġdid għall-kampijiet regolari u rregolari u tat-tifsira tal-programmi bl-għan li jgħin u jintegra lill-membri tal-komunità konċernata (b'mod partikolari t-tfal).

6) setgħet tivverifika l-impenn tal-awtoritajiet lokali sabiex isibu soluzzjoni xierqa għall-kampijiet tan-nomadi b'mod partikolari għas-sitwazzjoni "bħal favela" ta' kamp irregolari (Casilino 900) li ilu 35 sena u huwa biss 10 km 'l bogħod miċ-ċentru tal-belt kapitali tal-Italja.

Ġrajjiet prinċipali qabel iż-Żjara tal-LIBE

2007

31 ta' Ottubru. Mara Taljana bl-isem ta' Giovanna Reggiani tiġi stuprata u maqtula f'Ruma. Is-suspett prinċipali hu ċittadin Rumen (li wara ġie kkundannat). Wara dan l-att kriminali brutali l-opinjoni pubblika bdiet titlob biex ikollha miżuri ta' sigurtà. Kien hemm it-tkeċċija ta' għadd ta' persuni li mhumiex Taljani.

17 ta' Awwisu. Ċiklist Taljan ġie aggredit waqt li kienet f'Tor di Valle, subborg ta' Ruma. Iċ-ċiklista jmut ftit xhur kawża ta' din l-aggressjoni. Żewġ Rumeni ġew ikkundannati għal din l-aggressjoni.

2008:

10 ta' Mejju. Fid-distrett tas-subborg ta' Ponticelli (muniċipalità ta' Napli) tifla Roma ta' 16-il sena ġiet akkużata li ppruvat taħtaf tarbija ta' disa' xhur. Fil-ġranet segwenti (12/14 ta' Mejju) bosta persuni Roma jiġu attakkati fiżikament u persuni mhux magħrufa jagħtu n-nar lil bosta mill-abitazzjonijiet tar-Roma. Fil-15 ta' Mejju, ir-residenti kollha tar-Roma ġew mġiegħla jitilqu mill-kampijiet ta' Ponticelli u jmorru joqogħdu f'kampijiet (u jattendu skejjel) f'distretti oħra. Skont għajdut din ir-reazzjoni vjolenti kienet sforz tal-kriminalità lokali ta' għamla mafjuża (Camorra)[1]. Ġie enfasizzat ukoll li z-zona li fiha qegħdin il-kampijiet, irrispettivament għal dak li ġara, kienet se tiġi lliberata sal-4 ta' Awwisu sabiex jiġi implimentat il-Programm ta' Riabilitazzjoni Urbana (PRU) li ġie approvat mill-kunsill muniċipali. Fid-29 ta' Mejju 2008 is-Sotto-Segretarju tal-Istat għall-Intern indirizza lill-Parlament u mingħajr ma qagħad lura kkundanna l-vjolenza u l-intolleranza kontra r-Roma u reġa' ddikjara r-rieda tal-Gvern li jaġixxi b'mod sod biex jelimina dak li qiegħed jikkawża dawn il-manifestazzjonijiet ta' intolleranza. "Rapport ta' x'ġara" dwar dawn il-ġrajjiet tħejja mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (u ġie ippubbikat fl-4 ta' Awwisu).

21 ta' Mejju. B'referenza għall-Art. 5 tal-liġi tal-Protezzjoni Ċivili, il-President tal-Kunsill tal-Ministri tal-Italja ddikjara l-istatus ta' emerġenza fir-reġjuni tal-Campania, tal-Lombardija u tal-Latjum. Din id-deċiżjoni kienet immotivata mill-allarm soċjali li nħalaq minħabba l-eżistenza tal-kampijiet irreġolari tan-nomadi u minħabba r-riskju għall-ordni pubblika interna. L-istat ta' emerġenza hu ddikjarat permezz ta' digriet sal-31 ta' Mejju 2009. Dan id-Digriet hu magħmul minn tliet "Ordinanze"[2] speċifiċi adottati fit-30 ta' Marzu ("Ordinanze" 3676, 3677 and 3678) li ħasbu għal "ċensiment" tan-nies (inklużi dawk li huma taħt l-età) li qegħdin joqogħdu f'kampijiet tan-nomadi regulari u rregulari f'Napli, f'Ruma, u f'Milan. Prefetti lokali, fil-kapaċità tagħhom ta' "Kummissarji Straordinarji tal-Gvern" ġew mogħtija r-

[1] Rapport ta' inċident tal-FRA fuq l-"Attakki vjolenti kontra Roma fid-distrett ta' Ponticelli f'Napli, l-Italja", p.6;
De Arcangelis: "Napoli, ancora roghi contro i Rom, la Comorra dietro gli assalti " in La Repubblica of 15.5.2008 p.11.

[2] L-"Ordinanze" huma miżuri amministrattivi li huma eċċezzjonali u temporanji li l-awtorità Pubblika fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali tista' tadotta sakemm hi awtorizzata minn liġi (bħal dik ta' Protezzjoni Ċivili) biex taffaċja kriżi jew theddidiet eċċezzjonali. L-Ordinanze għandhom jagħmlu elenku tal-leġiżlazzjoni li tista' tkun idderogata temporanjament imma għandhom dejjem ikunu konformi mal-prinċipji tal-ordni legali u mal-ftehimiet internazzjonali kif ukoll mal-liġi tal-KE. Il-kondizzjonijiet li wieħed għandu jimxi magħhom meta juża dawn is-setgħat tad-derogazzjoni ġew miftiehma mill-Qorti Kostituzzjonali Taljana b'bosta sentenzi (l-aktar waħda riċenti hi Sentenza nru 277 tas-16 ta' Lulju 2008, u dawk preċedenti kienu nru 284 tal-2006, 127 tal-1995, 418 tal-1992, 201 tal-1987, 4 tal-1977, 26 tal-1961 u 8 tal-1956).

responsabiltà li jimplimentaw l-"Ordinanze"[1].

23 ta' Mejju. Il-Gvern Taljan jadotta miżuri legali oħra tal-"Pakket ta' Sigurtà" tal-Itaja.

1. L-ewwel wieħed hu d-Digriet tal-Liġi[2] Nru 92 ta' 23/05/2008 (ikkonvertit fl-24 ta' Lulju 2008 permezz ta' Liġi definittiva nru 125) imsemmi "Miżuri urġenti li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika" li b'mod partikolari jinkludu dawn li ġejjin:
a) Il-barranin huma deportati u ċittadini tal-UE huma mneħħija mit-territorju permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti jekk jingħataw sentenza ta' aktar minn sentejn ħabs;
b) L-istatus irregolari tal-barranin li jikkomettu reat hi miżjuda mal-lista taċ-ċirkustanzi aggravanti tal-Kodiċi Kriminali;
c) Il-kera ta' akkomodazzjoni lill-migranti rregolari hi soġġetta għal sentenza ta' bejn 6 xhur u 3 snin priġunerija.
d) Is-Sindki, skont il-prinċipji ġenerali tal-ordni legali, huma fdati bil-poter li jadottaw, inter alia, il-miżuri urġenti motivati sabiex jevitaw u jirrimedjaw theddid serju għas-sigurtà pubblika u urbana". L-idea ta' "theddid serju għas-sigurtà pubblika u urbana" hi definita minn digriet tal-Ministru tal-Intern fil-5/05/2008.

2. It-tieni wieħed hu ta' **żewġ abbozzi tal-Liġi** (sottomessi lill-Parlament fit-03/06/2008).
L-ewwel wieħed (bħalissa l-Att tas-Senat nru 733 għadu qiegħed jiġi diskuss u għalhekk t-test s'issa hu provviżorju) jaħseb għal dispożizzjonijiet li jirragwardaw lill-barranin bħal dawn li ġejjin:
a) Id-dħul illegali hu suġġett għal sentenza ta' priġunerija fuq firxa ta' perjodu minn sitt xhur sa erba' snin. F'każijiet bħal dawn, il-Qorti wara proċeduri li għandhom ikunu kemm jista' jkun mgħaġġlin,trid ukoll tordna t-tkeċċija tal-barranin.
b) Il-barranin jistgħu jinżammu fiċ-"Ċentri ta' Identifikazzjoni u ta' Tkeċċija" għal 60 ġurnata sabiex jiġu identifikati. Jekk dan ma jkunx possibbli f'temp ta' 60 ġurnata, jista' jkun hemm l-

[1]L- "Ordinanze" jipprevedu speċifikament li «… **2.** Il-Kummissarju delegat, fl-ambitu tal-kompetenza territorjali, fejn meħtieġ anki b'deroga mill-provvedimenti fis-seħħ dwar l-ambjent, il-pajsaġġ nazzjonali, l-iġjene u s-saħħa, il-pjanifikazzjoni tat-territorju, il-pulizija lokali, il-vijabbiltà u ċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, u bla ħsara għall-obbligu li jiżgura li jittieħdu l-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tas-saħħa u l-ambjent, jaġixxi biex iwettaq l-inizjattivi li ġejjin:
a) definizzjoni tal-programmi ta' azzjoni biex tingħeleb il-kriżi;
b) monitoraġġ taz-zoni awtorizzati li fihom jgħixu komunitajiet ta' nomadi u l-identifikazzjoni tal-insedjamenti abbużivi;
c) identifikazzjoni u ċensiment tal-persuni, anke ta' dawk taħt l-età, u ta' nuklei familjari fil-postijiet fiz-zoni msemmija f'b), permezz ta' mezzi ta' identifikazzjoni rilevanti;
d) teħid tal-miżuri meħtieġa, permezz tal-korp tal-pulizija, kontra persuni msemmija f'c) li jirriżulta li jkunu jew jistgħu ikunu ġew servuti b'mandat amministrattiv jew ġudizzjarju ta' evakwazzjoni jew tkeċċija;
e) ippjanar, jekk dak eżistenti ma jissodisfax il-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni, tal-identifikazzjoni ta' arei oħra li fihom jistgħu jitwaqqfu zoni awtorizzati;
f) teħid ta' miżuri bl-għan li z-zoni okkupati abbużivament jiġu żgumbrati u rrestawrati;
g) twettiq tal-ewwel azzonijiet maħsuba biex jirrestawraw il-livelli minimi tal-faċilitajiet soċjali u sanitarji;
h) azzjonijiet maħsuba biex jiffaċiltaw id-dħul u l-integrazzjoni soċjali tal-persuni trasferiti fiz-zoni awtorizzati, b'attenzjoni speċjali għal miżuri ta' appoġġ u proġetti integrati għat-tfal taħt l-età, kif ukoll azzjonijiet biex jikkumbattu l-fenomeni tal-kummerċ illegali, l-għejxien bl-għakkarija u l-prostituzzjoni;
i) monitoraġġ u promozzjoni tal-inizjattivi attwati fiz-zoni awtorizzati biex jiffaċilitaw l-edukazzjoni u l-preparazzjoni għad-dinja tax-xogħol u l-parteċipazzjoni fil-bini jew restawr tal-abitazzjonijiet;
l) adozzjoni ta' kull miżura meħtieġa biex tingħeleb il-kriżi.

[2] Skont l-Art. 96 tal-Kostituzzjoni Taljana Digriet tal-Liġi hi "temporanja" imma tista' tiġi infurzata immedjatament mil-liġi adottata mill-Gvern meta dan jiltaqa' ma' sitwazzjoni eċċezzjonali. Il-Parlament għandu jikkonverti d-Digriet tal-Liġi f'Liġi definita f'mhux anqas minn 60 ġurnata minn meta jkun ġie adottat (jekk jeħtieġ bil-modifiki). F'dan il-każ il-Liġi li qiegħda tikkonverti d-Digriet kienet Nru 125 li ġiet stipulata fl-24 ta' Lulju.

awtorizzazzjoni tal-estensjoni tad-detenzjoni għal 60 ġurnata oħra minn imħallef abbażi ta' talba mill-Kap tal-Pulizija. L-itwal perjodu li wieħed jista' jiġi detenut ġie miżjud għal 18-il xahar (minflok 60 ġurnata sa issa);
c) Il-Kap tal-Pulizija, anke qabel l-iskadenza tas-60 ġurnata ta' detenzjoni, jista' jkeċċi lill-barrani, waqt li jinforma immedjatament lill-Qorti kompetenti;
d) L-akkwist taċ-ċittadinanza Taljana permezz taż-żwieġ se tkun possibbli wara perjodu ta' sentejn residenza fl-Italja;
It-tieni wieħed jittratta mar-rattifika tat-Trattat ta' Prum li ma għandux x'jaqsam direttament maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

It-tielet grupp ta' miżuri tal-"Pakket ta' Sigurtà" ġie sottomess lill-kumitati parlamentari fil-forma tat-tliet Abbozzi tad-Digrieti Leġiżlattivi[1] **mħejjija** mill-Gvern sabiex jagħmlu tibdil tal-leġiżlazzjoni eżistenti li għamlet traspożizzjoni ta' tliet Direttivi tal-KE li jirrigwardaw:

a) Id-Direttiva 2004/38 dwar il-libertà ta' moviment u ta' residenza taċ-ċittadini tal-UE. Skont id-Digriet leġiżlattiv iċ-ċittadini tal-UE:
- li għandhom ix-xewqa jgħixu fl-Italja għal aktar minn 3 xhur għandhom jagħtu provi li għandhom il-mezzi meħtieġa, minn sorsi legali, li jmantnu lilhom infushom u lill-familji tagħhom. Għandu wkoll ikollhom assigurazzjoni medika jew inkella ikunu reġistrati minn jeddhom mas-Servizz Nazzjonali Mediku.
- jistgħu jiġi mneħħija mit-territorju abbażi ta' "sigurtà pubblika" li tinkludi fost affarijiet oħra l-fatt li huma ma rreġistrawx mal-awtoritajiet kompetenti fi żmien 10 ijiem wara l-perjodu ta' tliet xhur jew jekk ikunu kkunsidrati bħala theddida konkreta, ġenwina u serja għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem jew għas-"sigurtà pubblika" jew "morali pubbliċi". It-tkeċċija tagħhom tkun waħda urġenti jekk il-qagħda tagħhom tkun inkompatibbli mal-"koabitazzjoni ċivili u sikura" li tista' tiġi murija minn abitazzjoni li ma tkunx f'konformità tar-rekwiżiti tal-urbanizzazzjoni u tas-saħħa.
b) Id-Direttiva 2003/86/KE dwar riunifikazzjoni tal-familja (ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (li mhumiex ċittadini tal-UE)). Skont dan id-digriet leġiżlattiv l-applikanti jistgħu jiġu mitluba jagħmlu u jħallsu għat-testijiet tad-DNA f'każijiet meta l-kundizzjonijiet għar-riunifikazzjoni ma jkunux jistgħu jiġu vverifikati b'ċertezza permezz tad-dokumenti sottomessi mill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' oriġini tal-applikant, jew meta jkun hemm dubji dwar l-awtentiċità tad-dokumenti akkwistati.
c) Id-Direttiva 2005/85/KE dwar il-proċċedura tar-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat. B'mod partikolari, rigward dawk li jfittxu l-kemm, jekk jiġu mogħtija deċiżjoni ta' tkeċċija jew ta' rifjut minħabba dħul u residenza irregulari fl-Italja qabel ma ppreżentaw l-applikazzjoni tagħhom għall-ażil, ma jkunux aktar milqugħa f'ċentri ta' akkoljenza imma jinżammu fiċ-"Ċentri ta' Identifikazzjoni u Tkeċċija".

Il-Gvern Taljan ma' dawn il-miżuri żied
- djalogu msaħħaħ mal-Pajjiżi Ewropej minn fejn joriġinaw ir-ROMA (b'mod partikolari l-Prim Ministru u l-Ministru tal-Intern tar-Rumanija)
- impenn ġdid li jerġa' jqajjem mill-ġdid ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà ma' Pajjiżi

[1] Digriet Leġiżlattiv skont il-Kostituzzjoni Taljana hu Liġi adottata mill-Gvern permezz ta' delegazzjoni tal-Parlament li jiddefinixxi l-prinċipji u l-limiti li għandhom jimxu magħhom. Qabel ma ssir l-aħħar adozzjoni l-Gvern irid jikkonsulta mal-kumitati kompetenti tal-Parlament

mhux Ewropej bħal dak li sar mal-Libja dwar "il-koperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-droga u l-immigrazzjoni llegali", (iffirmati f'Diċembru 2000 u ġew fis-seħħ f'Diċembru 2002).

Id-19-20 ta' Ġunju. Iż-żjara fl-Italja, tas-Sur Hammamberg, il-Kummissarju COE tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fir-rapport li ġie ppubblikat[1] fit-28 ta' Lulju 2008, il-Kummissarju COE: "juri t-tħassib tiegħu għall-adozzjoni riċenti tal-"pakkett ta' sigurtà" li rriżulta fl-immirar partikolari tal-migranti Roma tal-UE, u għad-diekjarazzjoni tal-istati ta' emerġenza f'ċerti reġjuni u t-tkabbir konsegwenti ta' setgħat tal-Prefetti tagħhom. L-adozzjoni regulari ta' leġiżlattivi ta' emerġenza u ta' miżuri oħra minn stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa juri li hemm nuqqasijiet serji fil-mekkaniżmu tal-istat li juri li mhumiex kapaċi jaffaċja b'mod effettiv il-problemi soċjali li mhumiex ġodda permezz ta' miżuri leġiżlattivi ordinarji jew permezz ta' miżuri oħra ..."
"... jinnota li, minkejja tendenza ta' oppożizzjoni mifruxa, il-liġi internazzjonali stabbiliet b'mod ċar il-prinċipju li l-barranin li l-uniku reat tagħhom hu l-ksur tal-liġi tal-immigrazzjoni ma għandhomx jiġu trattati bħala kriminali, jew kriminali potenzjali, mill-istati ospitanti jew ta' tranżitu. Skont l-Artikolu 17, paragrafu 3, tal-Konvenzjoni Internazzjonali fuq il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u l-Membri tal-Familja Tagħhom, l-immigrati li huma arrestati minħabba l-ksur ta' dispożizzjonijiet dwar l-immigrazzjoni għandhom jinżammu, sa fejn huwa prattikabbli, separati minn persuni ddikjarati ħatja jew persuni arrestati li qegħdin jistennew il-proċess quddiem il-qorti. Minkejja li l-Italja mhijiex waħda mill-Istati Partiti ta' din il-Konvenzjoni, il-Kummissarju jikkunsidra dan it-test bħala referenza għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-immigranti u l-ħtieġa li jevitaw il-kriminalizzazzjoni tagħhom. B'dispjaċir hu jinnota n-nuqqas ta' qbil tal-Gvern dwar dan il-punt."
" ... anke jekk ma jidhirx li hemm ftehima ta' riammissjoni bejn iż-żewġ pajjiżi, għadd kbir ta' migranti illegali ġew sfurzati jmorru lura l-Libja. Għalhekk skont l-awtoritajiet Taljani dan wassal biex l-Italja jkollha tippjana u tissorvelja t-tneħħija segwenti tad-deportati mil-Libja għall-pajjiżi ta' oriġini tagħhom [34]."

Il-25 ta' Ġunju. Il-Ministru Maroni jippreżenta l-"Pakkett ta' Sigurtà" fil-Kumitat Taljan tal-Affarijiet Kostituzzjonali tas-Senat u jispjega l-istrateġija tal-Gvern:
- li jiffaċilita t-tkeċċija tal-migranti illegali billi jikkunsidraw li d-dħul illegali hu reat
- li jiffaċilita t-tkeċċija taċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra jekk ma jirreġistrawx lilhom infushom wara tliet xhur, ma jagħtux prova tad-disponibiltà tar-riżorsi finanzjarji leċti u jgħixu f'abitazzjonijiet li qegħdin f'konformità mar-rekwiżiti legali.
L-għada l-istampa rrappurtat li se jibdew operazzjonijiet ta' ċensiment f'Napli.

It-2-3 ta' Lulju. Ir-Rappreżentant Permanenti Taljan javża lill-Kummissjoni (il-Viċi-President Barrot) it-test tal-"Ordnijiet ta' Emerġenza" Taljani.
Il-Viċi-President Barrot jitlob lill-Ministru Maroni għal aktar informazzjoni, u b'mod partikolari dwar l-ambitu tal-miżuri previsti, dwar il-qafas legali, l-għanijiet u l-proċeduri taċ-"ċensiment". Il-Kummissjoni titlob ukoll aktar informazzjoni dwar aspetti oħra tal-"pakkett ta' sigurtà" li jittrattaw mal-kompetenzi tal-KE/UE.

[1] Ara: https://wcd.coe.int/ViewDoc.jsp?id=1309811&Site=CommDH&BackColorInternet=FEC65B&BackColorIntranet=FEC65B&BackColorLogged=FFC679

Is-7 ta' Lulju. Fil-marġini tal-Kunsill Informali tal-JHA, il-Ministru Maroni jiltaqa' mal-VP Barrot u mal-President Deprez.
Il-Ministru Maroni jipprovdi informazzjoni preliminari fuq is-sitwazzjoni tal-kampijiet tan-nomadi fl-Italja (700-1000) u fuq il-fatt li l-uniku għan taċ-"ċensiment" hu li jagħti għajnuna soċjali lill-persuni kkonċernati.
Il-President Deprez jesprimi t-tħassib tiegħu lill-Ministru għal mod ambigwu tal-kliem tal-"Ordinanze" u jinfurmah li l-Parlament Ewropew kien fil-proċess li jiddiskuti, fl-istess ġurnata, riżoluzzjoni li tesprimi tħassib qawwi dwar ir-riskju ta diskriminazzjoni indiretta kontra r-ROMA (il-biċċa l-kbira minnhom huma ċittadini tal-UE). Għalhekk, hu wieġħed li jinforma minnufih lill-gruppi politiċi dwar l-ispjegazzjonijiet li jaslulu kif ukoll fuq il-possibiltà li jaċċettaw l-istedina tal-Ministru Maroni biex iżuru l-Italja biex jaċċertaw l-istat tas-sitwazzjoni.

Id-9 ta' Lulju. Jonathan Faull (Direttur Ġenerali tal-JLS tad-DG) jikteb lir-rappreżentanza Permanenti tal-IT u jitlobhom jagħmlu rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Ordinanze sal-aħħar ta' Lulju 2008. B'mod partikolari hu jistaqsi:
- jekk l-ewwel operazzjonijiet taċ-ċensiment f'Napli (li għandhom x'jaqsmu mar-reliġjon u mal-etniċità) jiġux ikkunsidrati bħala inċident li mhux se jerġa' jirrepeti ruħu;
- jekk il-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta humiex jiġu rrispettati b'mod partikoli waqt it-tehid tal-immarkar tas-swaba' u jekk tfal ta' anqas minn 14-il sena hux jiġu identifikati wara li jkun hemm ordni ġudizzjarja u għal għanijiet ta' identifikazzjoni biss;
- x'inhi s-sitwazzjoni li tinsab fil-bqija tat-territorju Taljan (mhux kopert mid-dikjarazzjoni ta' emerġenza);
- jibagħtu lill-Kummissjoni Ewropea it-test ta' abbozz ta' liġijiet oħra marbuta mal-"Pakket ta' Sigurtà" (tliet digrieti leġiżlattivi li jittrattaw rispettivament iċ-ċirkulazzjoni u r-residenza ta' ċittadini tal-UE, ir-riunifikazzjoni tal-familja għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u t-trattament tar-refuġjati).

L-10 ta' Lulju. Il-Parlament Ewropew jadotta riżoluzzjoni[1] li tesprimi tħassib serju dwar l-użu ta' mizuri straordinarji bħall-"Ordinanze" (li jissospendu leġiżlazzjoni ordinarja), il-possibiltà ta' diskriminazzjoni indiretta tal-komunità Roma (kif jidher mill-ewwel formoli taċ-ċensiment imqassmin f'Napli), ir-riskju ta' ksur tad-Direttivi tal-KE dwar il-privatezza (95/46), kontra kull forma ta' diskriminazzjoni (2000/43) kif ukoll dik fuq il-libertà ta' moviment taċ-ċittadini tal-UE (2004/38).

Is-17 ta' Lulju. Adozzjoni tal-"Linji gwida" mill-Ministru tal-Intern, wara l-opinjoni tal-awtorità Taljana tal-Protezzjoni tad-Dejta, li għandhom jimxu magħhom il-Kummissarji ta' Napli, Ruma u Milan sabiex jipproteġu d-dejta personali b'mod partikulari dik tal-persuni taħt l-età (kif inhi meħtieġa mill-KE) u jevitaw il-ħolqien ta' kwalunkwe bażi tad-dejta speċifika matul it-twettiq taċ-"ċensiment".

L-1 ta' Awwisu. Il-Ministru Maroni jibgħat rapport lill-VP Barrot dwar l-implimentazzjoni tal-ewwel fażi tal-emerġenza tal-"Kampijiet tan-Nomadi" kif ukoll it-test tat-tliet "Digrieti Leġiżlattivi" kif ġie mmodifikat wara l-eżami mill-kumitati parlamentari (ara aktar 'l fuq) imma li għadu ma tlestiex. Tali trażmissjoni għandha tkun ikkunsidrata bħala sinjal ta' rieda tajba mill-Gvern Nazzjonali lejn il-Kummissjoni Ewropea.

It-3 u s-16 ta' Settembru. Laqgħat preparatorji bejn VP Barrot u l-koordinaturi tal-LIBE (u membri uffiċjali tad-delegazzjoni).

[1] Testi adottati mill-Parlament
http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P6-TA-2008-0361+0+DOC+XML+V0//EN